MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 254/2006

**Michelina Borg**

**vs**

**Vincent Graham u Gesuarda Graham u b'digriet tat-13 t'Awwissu 2008 giet ordnata t-trasfuzjoni tal-gudizzju fl-ismijiet ta' Maria Giswarda Graham u Brian Graham bhala eredi tad-decujus.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Michelina Borg ID Card No 261348 M datat 27 ta' Marzu 2006 a fol. 1 tal-process fejn esponiet:-

Illi r-rikorrenti hija proprjetarja tal-fond 115, Triq Kola Xara, Rabat, Malta.

Illi l-intimati huma proprjetarji/detenturi tal-fond 113, Triq Kola Xara, Rabat, Malta.

Illi l-intimati qeghdin minghajr ebda dritt fil-ligi u allura bla titolu, jokkupaw l-arja ta’ fuq kamra li taghmel parti mill-fond tal-attrici u cioe` 115, Triq Kola Xara, Rabat, Malta u dan kif spjegat ahjar fl-annessa pjanta (Dok A).

Illi *di piu`* l-intimati minghajr ebda dritt fil-ligi fethu bieb u kabbru apertura ghal fuq l-arja tal-imsemmija kamra u ghamlu wkoll xi strutturi fiha.

Illi dan l-agir tal-intimati qieghed johloq pregudizzju kbir ghad-drittijiet tar-rikorrenti.

Illi ghalkemm l-intimati gew debitament interpellati sabiex jizgumbraw mill-imsemmija arja, jaghlqu l-bieb fuq imsemmi u jregghu l-apertura ghad-daqs li kienet originarjament, dawn baqghu inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess rikorrenti talbet lill-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-intimati qeghdin jokkupaw l-arja ta’ kamra skont l-annessa pjanta Dok “A” li tappartjeni lill-fond 115, Triq Kola Xara, Rabat, Malta proprjeta` tar-rikorrenti minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

2. Tikkundanna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn din l-Onorabbli Qorti jizgombraw mill-arja fuq imsernmija.

3. Tiddikjara illi l-intimati illegalment ghamlu strutturi fuq l-istess arja, fethu bieb u kabbru apertura ghal fuq l-ambjenti proprjeta` tar-rikorrenti.

4. Tikkundanna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju jaghlqu l-imsemmi bieb u jerghu ireggaw l-apertura msemmija ghad-daqs li kienet, liema aperturi jaghtu ghal fuq l-ambjenti proprjeta` tar-rikorrenti u kif ukoll inehhu kull struttura li setghu ghamlu taht is-supervizjoni ta’ periti nominandi, u fin-nuqqas tawtorizza

lill-istess rikorrenti taghmel hi x-xoghlijiet rikjesti a spejjez tal-istess intimati taht is-supervizjoni tal-periti nominati mill-Qorti.

5. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti kwalunkwe spejjez li jaghmlu f'kaz li jkollhom jaghmlu x-xoghlijiet huma a spejjez tal-istess intimati, apparti l-ispejjez tal-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebit a fol. 2 sa 5 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-28 ta' Gunju 2006.

Rat ir-risposta guramentata ta' Vincent Graham 93456(M) u Gesuarda Graham 212356 (M) datata 23 ta' Gunju 2006 a fol 11 tal-process fejn eccepew: -

(1) Illi t-talbiet ta' Michelina Borg huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif jigi elaborat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

(2) Illi l-esponenti kienu ottjenew il-permess tal-proprjetarju ta' dak iz-zmien ghal kwalunkwe alterazzjoni li huma ghamlu u li dan kien impona certu kundizzjonijiet li gew segwiti mill-esponenti.

(3) Illi dawn l-alterazzjonijiet saru hdax-il sena ilu.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimati a fol 11 tal-process.

Rat in-nota ta' Michelina Borg datata 11 ta' Dicembru 2006 a fol 21 tal-process li permezz taghha esbiet l-affidavit taghha.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-8 ta' Frar 2007 fejn il-Qorti nnomina bhala Perit Tekniku lill-Perit Mario Cassar

bl-assistenza Legali ta’ Dr. Ian Vella Galea sabiex jirrelataw dwar it-talbiet attrici wara li jiehdu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tat d-direzzjojnijiet ta’ kif il-partijiet ghandhom iresqu l-provi, tali nomina a spejjez provizzorjament attrici.

Rat ir-rikors ta’ Michelina Borg datat 7 ta’ Awwissu 2008 a fol 57 tal-process fejn talbet li tigi ordnata t-trasfuzjoni tal-gudizzju fl-ismijiet ta’ Maria Giswarda Graham u Brian Graham, bhala eredi tad-decujus il-konvenut Vincent Graham; u l-Qorti laqghet it-talba bid-digriet taghha moghti fit-13 ta’ Awwissu 2008 (fol. 61).

Rat ir-rikors tal-konvenuta Maria Graham datat 12 ta’ Marzu 2010 a fol 98 tal-process fejn talbet lill-Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprezenta eccezzjoni ulterjuri kif fuq inghad sabiex il-Perit Legali jiehu konjizzjoni taghha u jiddeciedi wkoll fuqha meta jirrelata; u l-Qorti rat ir-risposta datata 12 ta’ Marzu 2010 u laqghet it-talba ghaliex l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni hija ta’ natura perentorja u b’hekk ordnat lill-konvenut jippresenta risposta guramentata ulterjuri f’dan is-sens fi zmien ghaxart ijiem bin-notifika/visto lid-difensur tal-kontro-parti.

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri ta’ Gesuarda Graham et datata 15 ta’ April 2010 a fol. 105 tal-process fejn ecceppew: -

1. Illi t-talbiet ta’ Michelina Borg huma preskritti *ai termini* tal-**artikolu 2140 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** kif irrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici Michelina Borg li tibqa’ minn issa ingunt ghas-subizzjonji.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea flimkien max-xhieda quddiemu prodotta u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea u l-Perit Tekniku Mario Cassar (fol. 113) ipprezentat fir-registru fit-18 ta’ Ottubru 2010 u mahluf fis-seduta tad-19 ta’ Jannar 2011.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-18 ta’ Mejju 2011 fejn il-Qorti giet infurmata li Dr. Richard Sladden se jkompli bl-inkarigu tieghu bhala avukat tal-ghajnuna legali u se jirtira r-rikors, u xtaq jaghmel eskussjoni tal-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea. Il-Qorti ordnat lil Dr. Richard Sladden jipprezenta nota bid-domandi in eskussjoni fi zmien ghaxart ijiem (10) minn dan id-digriet, li tigi notifikata lill-kontro-parti u lill-Perit Legali li jkollu hmistax-il gurnata (15) min-notifika ghar-risposti bil-miktub tal-istess domandi.

Rat in-nota ta’ Gesuarda Graham et datata 27 ta’ Mejju 2011 a fol 130 tal-process li permess taghha pprezentat l-mistoqsijiet in eskussjoni tal-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea.

Rat in-nota tal-Perit Legali datata 19 ta’ Ottubru 2011 a fol 133 tal-process li permezz taghha pprezenta r-risposti tieghu ghall-mistoqsijiet maghula lilu  in eskussjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-19 ta’ Jannar 2012 fejn meta ssejhet il-kawza deher il-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea u Dr. Charmaine Galea ghall-attrici, u l-intimati. Il-Perit Legali mpenja ruhu jghaddi r-risposta in eskussjoni lil Dr. Richard Sladden dak in-nhar stess. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghat-30 ta’ Ottubru 2012 bil-fakolta` li Dr. Richard Sladden jipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet fi zmien erbghin (40) gurnata b’kopja tan-notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom erbghin (40) gurnata ghall prezentata tan-nota responsiva.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-attrici bhala proprjetarja tal-fond 115, Triq Kola Xara, Rabat, Malta qed tallega li l-intimati li huma proprjetarji/detenturi tal-fond 113, Triq Kola Xara, Rabat, Malta qeghdin minghajr ebda dritt fil-ligi u allura bla titolu, jokkupaw l-arja ta' fuq kamra li taghmel parti mill-fond tal-attrici u cioe` 115, Triq Kola Xara, Rabat, Malta u dan kif spjegat ahjar fl-annessa pjanta mar-rikors guramentat(Dok. "A") u wkoll li l-intimati, wkoll minghajr ebda dritt fil-ligi, fethu bieb u kabbru apertura ghal fuq l-arja tal-imsemmija kamra u ghamlu wkoll xi strutturi fiha b'dan li qed joholqu pregudizzju kbir ghad-drittijiet tar-rikorrenti. B'hekk l-attrici qed titlob li l-intimati jigu zgumbrati mill-istess arja, jaghlqu l-bieb fuq imsemmi u jergghu jaghmlu l-apertura ghad-daqs li kienet originarjament, b'mod li kollox jigi mpoggi fl-istat prestinu tieghu.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li effettivament tali arja kienet qabel tal-pjanci u konkos u hu l-attrici kien ghamlu kollu tal-konkos u dan ix-xoghol sar xi ghaxar snin qabel u kien wara dak iz-zmien li l-intimati bdew juzaw il-bejt, ghamlu opramorta, it-tieqa ghamluha bieb sabiex holqu access ghal fuq l-art tal-fond tal-attrici u b'hekk saret din il-kawza.

Illi l-intimati eccepew l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni rikorrenti ai termini tal-**artikolu 2140 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**. Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Giuseppa Maria Pisani et vs Joseph Micallef et"** (2 ta' Marzu 2010) l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell qalet li:-

*"Il-ligi taghna tittratta l-preskrizzjoni akkwizittiva fl-artikolu 2140 et. seq. tal-Kap. 16. Infatti l-art. 2140(1) jistipula illi:*

*"Kull min b'bona fidi u b'titolu tajjeb biex jittrasferixxi l-proprjeta', jipposjedi haga immobbli ghal zmien ta' ghaxar snin, jakkwista l-proprjeta' taghha."*

*"Il-Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha tal-20 ta' Jannar 1961 fil-kawza: "Alfonso Gauci vs. Salvatore Cassar et." (Kollez. Vol. XLV. 2. 533) spjegat l-elementi rikjesti mill-ligi ghall-akkwist tal-proprjeta' bis-sahha ta' din il-preskrizzjoni bil-mod segwenti:*

*"….Kwantu ghat-titolu dan jista' jkun jikkonsisti anke f'legat u l-validita` tat-titolu ghall-finijiet tal-preskrizzjoni tibqa' anke fil-kaz ta' legat ta' haga ta' haddiehor minghajr id-dikjarazzjoni preskritta mil-ligi.*

*"In kwantu ghall-pussess, dan irid ikun ilu ghaxar snin bir-rekwiziti kollha li trid il-ligi….*

*"Kwantu ghall-buona fede, din hija prezunta b'ligi, il-prova kuntrarja tinkombi lil min irid jattakkaha.*

*"Kwantu ghaz-zmien, dan irid jirrizulta almenu ghal ghaxar snin minghajr ma jkun gie qatt interrott."*

Illi fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2009 l-intimata Gesuarda Graham xehdet li:-

*"Fuq il-bejt in kwistjoni inzomm cilindru tal-gas, barmil, xi landa ta' l-ilma u affarijiet zghar ohra. Dawn l-affarijiet ilhom hemm kemm ili noqghod hemm u cioe' minn Lulju 1996. Kien dak iz-zmien li bdejt nohrog fuq il-bejt. Mill-1995 sal-1996 ma uzajtux il-bejt. Fl-1995 ghamilna l-konvenju u dhalt fl-1996. F'Lulju 1996 konna ftiehmna ma' missier ir-rikorrenti kif se nghamlu fuq il-bejt u kien minn dak iz-zmien li bdejt nuza l-bejt. (fol. 55) ... Ic-cint ta' erba' filati ttella' dak iz-zmien li ftiehmna. ... Kien minn Lulju 1996 sa Ottubru 1996 illi saru x-xogholijiet fuq il-bejt u cioe' t-tieqa l-kbira saret bieb.(fol. 56)".*

Illi mix-xhieda riprodotta jirrizulta illi l-uzu tal-bejt, l-alterazzjonijiet fit-twieqi, l-binja ta' l-opramorta u l-allegat ftehim ma' missier l-attrici allegatament sehhew, jekk wiehed jiehu t-tezi tal-intimati, f'Lulju tas-sena 1996, u mhux qabel. La darba l-kawza odjerna giet intavolata mir-rikorrenti nhar is-27 ta' Marzu 2006 ma jirrizultax it-trapass ta' ghaxar (10) snin rikjest ai termini ta' l-**artikolu 2140 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.** B'hekk din l-eccezzjoni ta' l-intimati ghandha tigi michuda ghaliex mhux applikabbli ghall-kaz in dezamina u ma jirrizultax li l-alterazzjonijiet mertu tal-kawza saru hdax-il sena ilu kif eccepit mill-intimati. Dwar dan issir riferenza ukoll ghat-tielet risposta in eskussjoni tal-perit legali li tkompli tikkonferma li dan il-perjodu anke kieku applikabbli ma ddekoriex. Fil-verita' jinghad ukoll li la darba allegatament intalab il-permess ta' missier ir-rikorrenti dan fih innifsu huwa rikonoxximent li l-istess intimati qatt ma setghu jokkupaw l-istess fond *uti dominus,* u la darba qed jigi allegat li kien hemm konvenju fuq l-istess trasferiment tal-arja, dan ikompli jikkonferma li l-intimati qatt ma setghu jippreskrivu favur taghhom ghaliex jafu li tali proprjeta' qatt ma kienet taghhom u qatt ma saret taghhom.

Illi l-intimati eccepew li kienu ottjenew il-permess minghand missier ir-rikorrenti fir-rigward ta' l-alterazzjonijiet. L-intimata Gesuarda Graham tallega illi sar ftehim verbali bejn ir-ragel taghha l-intimat Vincent Graham u missier ir-rikorrenti fis-sens li l-intimati jixtru l-arja tal-bejt mertu tal-kawza u jibnu opramorta mad-dawra ta' l-istess u dan versu l-prezz ta' Lm70 (fol. 55). Filwaqt li l-intimata xehdet illi meta sar dan il-ftehim kienu prezenti hi stess, ir-ragel taghha, missier ir-rikorrenti u huha John Borg, dan ma jaqbilx max-xhieda moghtija mit-tifla ta' Dorothy Graham li xehdet li prezenti dakinhar li sar l-allegat ftehim kien hemm hi, missierha u missier ir-rikorrenti. L-istess Dorothy Graham xehdet specifikatament illi John Borg, hu r-rikorrenti, ma kienx prezenti.

Illi minn naha taghha, r-rikorrenti cahdet li missierha qatt ta permess lill-intimati sabiex juzaw il-bejt tant li sostniet:-

*“Missieri qatt ma tahom permess biex jintuza l-bejt. Qatt ma naf li missieri tahom permess u ma jidhirlix li tahom permess.”* (fol. 50). Huha John Borg xehed: *“Naf illi missieri qatt ma tahom permess biex jifthu din it-tieqa u bieb.”* (fol. 49)

Illi John Borg xehed ukoll: “*rigward il-bieb li nfetah, nghid illi ghidnilhom biex jinghalaq il-bieb u jigi kollox kif kien qabel.”* (fol. 31). Fir-rigward tal-bieb, ir-rikorrenti xehedet: *“illi jien dejjem ghidtilha (lill-intimata) biex tghalqu anki meta missieri kien ghadu haj u dan mill-bidu nett.”* (fol. 57).

Illi l-intimata kkonfermat li r-rikorrent talbitha taghlaq il-bieb li jaghti ghal fuq il-bejt u anke sabiex thott l-opramorta mibnija mill-intimati:-

*“Nikkonferma illi l-attrici qaltli biex innehhu dan ic-cint pero’ dan kien snin wara li nbena ... Nikkonferma li l-attrici kienet talbitni sabiex nghalaq il-bieb li jaghti ghal fuq il-bejt u dan kien wara illi hutha m’accettawx illi jiffirmaw il-karti. Kienet ir-rikorrenti li kienet tghidli sabiex innehhi l-opramorta. Kien ftit qabel li nfethet il-kawza illi r-rikorrenti qaltli biex nghalaq il-bieb ghal fuq il-bejt.”* (fol. 56).

Illi fid-dawl ta’ dan kollu din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti ma giex ippruvat mill-intimati fil-grad rikjest mill-ligi li huma ottjenew il-permess bil-fomm minghand missier ir-rikorrenti sabiex isiru l-alterazzjonijiet mertu tal-kawza jew sabiex l-intimati juzaw il-bejt in kwistjoni u ghalhekk anke fuq din il-bazi d-difiza tal-intimati hija kompletament bla ebda fundament legali u fattwali.

Illi ma dan jizdied jinghad li fir-rigward ta’ l-allegat ftehim tax-xiri ta’ l-arja, l-**artikolu 1363 (1) tal-Kap. 16** jipprovdi illi *“l-bejgh ta’ beni immobbli ma jiswiex jekk ma jsirx b’att pubbliku”,* filwaqt illi fir-rigward ta’ l-alterazzjonijiet u l-uzu tal-bejt, l-**artikolu 458 tal-Kap. 16** jipprovdi illi: *“It-titolu li bih tigi mnissla servitù hu null jekk ma jidhirx minn att pubbliku.”*

Illi l-intimata xehedet illi l-ftehim milhuq ma’ missier ir-rikorrenti huwa esebit bhala Dok. “X” a fol. 92 tal-process. Izda dan id-dokument ma huwa xejn hlief abbozz ta’ prokura u mhux ftehim ghat-trasferiment ta’ l-arja tal-bejt in kwistjoni jew ftehim li bih l-intimati ottjenew l-uzu jew xi forma ohra ta’ servitu’ fuq il-bejt mertu tal-kawza. B’hekk l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet ta’ l-intimati qed jigu michuda.

Illi fir-rigward tat-twieqi, ghalkemm John Borg xehed illi t-twieqi mmarkati bhala ‘Y’ u ‘Z’ fuq Dok. “MC 2” a fol. 35 u l-bieb li jinsab hdejn it-tieqa mmarkata ‘Z’ ma kienux jezistu, r-rikorrenti xehdet illi:-

*“Snin wara gew joqghodu l-intimati, u kien hemm tieqa u l-istess intimati fethuha f’bieb u bdew juzaw il-bejt.”*

Illi dan jaqbel max-xhieda ta’ l-intimata li spjegat illi t-tieqa mmarkata ‘Z’ kienet tieqa shiha w ikbar pero’ l-intimati bidluha f’tieqa zghira u bieb kif jidher fl-istess ritratt. Fir-rigward tat-tieqa ‘Y’, l-intimata xehdet li din thalliet fl-istat originali taghha ghalkemm xehedet ukoll illi t-twieqi ‘Y’ u ‘Z’ kienu jiffurmaw tieqa wahda shiha. Dwar it-tieqa mmarkata ‘X’ John Borg xehed illi din kienet ezistenti pero’ kienet izghar filwaqt illi l-intimata spjegat li din kienet gia esistenti u ma gietx minsusa. Din il-Qorti thoss li ma jirrizultax illi t-tieqa mmarkata ‘X’ fuq Dok. “MC2” giet alterata. Ghal dik li hija l-opramorta, mill-provi prodotti jirrizulta illi din inbniet mill-intimati u dan ukoll abbusivament.

Illi fid-dawl ta’ dan kollu jirrizulta li l-bieb li jaghti ghal fuq il-bejt mertu tal-kawza (li jidher fir-ritratt numru 1 fuq Dok. MC2 a fol. 35) ghandu jinghalaq b’dan illi tigi ffurmata tieqa shiha kif indikat mill-Perit Tekniku fuq il-pjanta mmarkata bhala Dok. “MP2” (fol. 127) annessa mar-rapport legali, b’hekk illi l-intimati ma jkollhom l-ebda access ghal fuq il-bejt tar-rikorrenti. L-intimati ghandhom ukoll jizgumbraw il-bejt mill-oggetti kollha li jinsabu fuqu u ghandhom inehhu l-opramorta minnhom mibnija madwar l-istess bejt. B’hekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha f’dan is-sens.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad ir-risposta guramentata datata 23 ta' Gunju 2006 u l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni skont l-**artikolu 2140 tal-Kap. 16** sollevata fir-risposta guramentata ulterjuri datata 15 ta' April 2010 u dan ghaliex l-istess eccezzjonijiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, din il-Qorti **tilqa' t-talbiet attrici** fis-sens biss hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi l-intimati qeghdin jokkupaw l-arja ta' kamra skont il-pjanta Dok "A" li tappartjeni lill-fond 115, Triq Kola Xara, Rabat, Malta proprjeta` tar-rikorrenti minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

2. Tikkundanna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' sittin (60) gurnata mid-data ta' din id-decizjoni l-intimati jizgombraw mill-arja fuq imsemmija.

3. Tiddikjara illi l-intimati illegalment ghamlu strutturi fuq l-istess arja, fethu bieb u ghamlu opramorta ghal fuq l-ambjenti proprjeta` tar-rikorrenti.

4. Tikkundanna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' sittin (60) gurnata mid-data ta' din id-decizjoni jaghlqu l-imsemmi bieb b'dan li din ghandha ssir tieqa kif indikat mill-Perit Mario Cassar fil-pjanta minnu redatta bhala Dok. "MP 2", u titnehha wkoll l-opramorta li saret mill-intimati fuq l-arja proprjeta` tar-rikorrenti u kif ukoll inehhu kull haga li ghandhom u kull struttura li setghu ghamlu illegalment kif indikat f'din id-decizjoni u dan kollu ghandu jsir taht id-direzzjoni u supervizjoni tal-Perit Mario Cassar li qed jigi nominat a tali skop a spejjez tal-intimati, u fin-nuqqas li dan isir mill-intimati fit-terminu hawn perentorjament stabbilit din il-Qorti tawtorizza lill-istess rikorrenti taghmel hi x-xoghlijiet rikjesti a spejjez tal-istess intimati dejjem taht id-direzzjoni u supervizjoni tal-Perit Mario Cassar li qed jigi wkoll nominat a tali skop a spejjez tal-intimati.

5. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti kwalunkwe spejjez li jaghmlu f'kaz li jkollhom jaghmlu x-xoghlijiet huma a spejjez tal-istess intimati, apparti l-ispejjez tal-kawza.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------